# Il-Popolazzjoni u l-Migrazzjoni: 2012-2022

## (inklużi r-reviżjonijiet bejn ċensiment u ieħor)

NR 015/2024 Data tal-Ħruġ: 26 ta' Jannar 2024

**Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tippreżenta r-riżultati tar-reviżjonijiet interċensali għall-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni għas-snin 2012-2021. Dawn l-istimi jieħdu post l-istimi ta' qabel. Iċ-ċifri għas-sena ta' referenza 2022, li kienu stmati bl-użu taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar tal-2021 bħala bażi, qegħdin jiġu inklużi ukoll f'din l-istqarrija. Iċ-ċifri annwali tat-twelid ta' trabi ħajjin minn residenti u tal-imwiet ta' residenti ma kinux riveduti, iżda l-indikaturi tal-fertilità u tal-imwiet li huma stmati fuq il-popolazzjoni ġew riveduti minħabba li l-kalkolu tagħhom jiddependi fuq iċ-ċifri tal-popolazzjoni li kienu aġġornati bir-reviżjonijiet.**

*Mill-2012 għall-2022, il-popolazzjoni residenzjali ta' Malta kibret bi 28.6 fil-mija u telgħet minn 421,464 għal 542,051.*



**Il-popolazzjoni**

Mill-2012 għall-2022, il-popolazzjoni residenzjali ta' Malta kibret bi 28.6 fil-mija u telgħet minn 421,464 għal 542,051. Din iż-żieda fil-popolazzjoni kienet prinċipalment riżultat ta' tkabbir fil-popolazzjoni barranija. Filwaqt li l-popolazzjoni tal-Maltin żdiedet biss b'1.7 fil-mija — minn 398,099 għal 404,675, il-popolazzjoni tal-barranin kibret b'ħames darbiet, sabiex telgħet minn 23,365 fl-2012 għal 137,376 fl-2022 (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Stimi tal-popolazzjoni totali fl-aħħar tas-sena




Filwaqt li l-età medja tal-popolazzjoni fl-2022 baqgħet l-istess meta mqabbla mal-2012 — 39 sena, is-sehem tat-tfal u l-anzjani fil-popolazzjoni ċċaqlaq. Filwaqt li fl-2012 is-sehem tal-popolazzjoni minn 65 sena 'l fuq kien ta' 17.1 fil-mija, dan żdied għal 18.6 fil-mija fl-2022. Min-naħa l-oħra, is-sehem tat-tfal ta' 14-il sena jew inqas naqas minn 14.6 fil-mija fl-2012 għal 12.7 fil-mija fl-2022. Fl-2012, is-sehem tan-nisa kien kemxejn ogħla minn dak tal-irġiel: 50.2 fil-mija nisa u 49.8 fil-mija rġiel. Fl-2022, din ix-xejra inqalbet bis-sehem tal-irġiel li issa qiegħed jaqbeż 'il dak tan-nisa: 52.5 fil-mija rġiel u 47.5 fil-mija nisa (Tabelli nri 1a-1c, Ċarts 2a u 2b).

## Ċart nru 2a. Il-popolazzjoni totali bil-grupp tal-età u s-sess fil-31 ta' Diċembru 2012




## Ċart nru 2b. Il-popolazzjoni totali bil-grupp tal-età u s-sess fil-31 ta' Diċembru 2022




**Il-migrazzjoni**

Bejn l-2012 u l-2022, Malta kellha migrazzjoni netta totali (l-għadd tal-immigranti li minnu jitnaqqas l-għadd tal-emigranti) ta' 117,259 persuna. L-akbar għadd ta' migranti netti kien fis-sena 2022 b'21,798 migrant nett u ssegwiha hemm is-sena 2019 b'21,225 migrant nett. Min-naħa l-oħra, is-sena 2020 kellha l-inqas għadd ta' migrazzjoni netta matul dan il-perjodu, b'947 migrant nett (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Il-migrazzjoni netta totali annwali




Is-sehem tal-popolazzjoni barranija żdied minn 5.5 fil-mija fl-2012 għal 25.3 fil-mija fl-2022. Fl-2022, 69 fil-mija tal-popolazzjoni barranija kienu ċittadini mhux tal-UE, filwaqt li l-31 fil-mija l-oħra kienu ċittadini tal-UE. Huwa importanti li wieħed jirrimarka, li mill-2020, iċ-ċittadini tar-Renju Unit bdew jiġu inklużi maċ-ċittadini mhux tal-UE (Tabella nru 7).

**It-taqsim ġeografiku**

Id-distrett tat-Tramuntana tal-Port baqa' d-distrett bl-akbar ammont ta' popolazzjoni residenzjali ta' Malta. Fl-2022, 31.1 fil-mija tal-popolazzjoni kollha kienu residenti f'dan id-distrett. Min-naħa l-oħra, id-distrett ta' Għawdex u Kemmuna baqa' bl-iżgħar ammont ta' popolazzjoni residenzjali ta' Malta b'7.4 fil-mija biss tal-popolazzjoni kollha residenti f'dan id-distrett fl-2022 (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. Stimi tal-popolazzjoni totali tal-aħħar tas-sena, bid-distrett tar-residenza




Fl-2022, l-Imdina baqgħet il-lokalità bl-iżgħar popolazzjoni, dik ta' 202 residenti. Filwaqt li fl-2012 Birkirkara kienet il-lokalità bl-akbar għadd ta' nies — 21,676 resident, fl-2022 San Pawl il-Baħar qabiżha meta sar jgħodd 35,419-il resident. Meta mqabbla mal-2012, il-popolazzjoni ta' San Pawl il-Baħar aktar milli rduppjat. Is-sehem tal-barranin residenti żdied fil-lokalitajiet kollha meta wieħed iqabbel l-2022 mal-2012. L-Imsida kienet il-lokalità bl-akbar sehem ta' residenti barranin fl-2022, bl-ammont ilaħħaq id-59.1 fil-mija tal-popolazzjoni tagħha. Din kienet segwita minn San Pawl il-Baħar bi 58.1 fil-mija ta' residenti barranin. Min-naħa l-oħra, Ħad-Dingli kienet il-lokalità bl-inqas sehem ta' barranin bi 2.7 fil-mija tal-popolazzjoni residenti (Tabella nru 8, Mapep 1a u 1b).

### Mappa nru 1a. Il-persentaġġ tal-barranin bil-lokalità: 2012




### Mappa nru 1b. Il-persentaġġ tal-barranin bil-lokalità: 2022




It-tkabbir irreġistrat fil-popolazzjoni bejn l-2012 u l-2022 wassal għal żieda fid-densità tal-popolazzjoni. Filwaqt li fl-2012 id-densità tal-popolazzjoni fil-Gżejjer Maltin kienet ta' 1,337 resident għal kull kilometru kwadru, fl-2022 din żdiedet għal 1,721 għal kull kilometru kwadru. Fuq livell distrettwali, fl-2022 id-distrett tat-Tramuntana tal-Port kien id-distrett bl-akbar densità tal-popolazzjoni b'7,019-il resident għal kull kilometru kwadru. Min-naħa l-oħra, id-distrett ta' Għawdex u Kemmuna kien d-distrett bl-inqas densità tal-popolazzjoni b'585 resident għal kull kilometru kwadru. Meta kienu kkunsidrati l-lokalitajiet individwalment, l-Għasri baqa' bl-inqas densità tal-popolazzjoni f'Malta u Għawdex, b'103 resident għal kull kilometru kwadru fl-2022. Filwaqt li fl-2012 l-Isla kienet il-lokalità bl-akbar densità tal-popolazzjoni b'16,424 resident għal kull kilometru kwadru, fl-2022 Tas-Sliema saret il-lokalità bl-akbar densità tal-popolazzjoni b'16,287 resident għal kilometru kwadru (Tabella nru 10, Mapep nri 2a u 2b).

### Mappa nru 2a. Id-densità tal-popolazzjoni għal kull kilometru kwadru bil-lokalità: 2012




### Mappa nru 2b. Id-densità tal-popolazzjoni għal kull kilometru kwadru bil-lokalità: 2022




**L-indikaturi tal-fertilità u tal-imwiet**

Bejn l-2012 u l-2022, ir-rata tal-imwiet baqgħet relattivament stabbli, b'medja ta' tmint imwiet ta' residenti fis-sena għal kull elf resident fil-popolazzjoni ta' nofs is-sena. Min-naħa l-oħra, ir-rata tat-twelid ġarrbet tnaqqis ġenerali tant li mit-twelid ta' madwar 10 itrabi ħajjin minn residenti fl-2012, din ir-rata naqset għat-twelid ta' tmint itrabi ħajjin minn residenti għal kull elf resident fil-popolazzjoni ta' nofs is-sena fl-2022 (Ċart nru 5).

## Ċart nru 5. Ir-rati tat-twelid u tal-imwiet għal kull elf resident fil-popolazzjoni ta' nofs is-sena




Bħal fil-każ tar-rata tat-twelid, ir-rata totali tal-fertilità naqset ukoll matul dan il-perjodu. Fl-2012, ir-rata totali tal-fertilità kienet ta' 1.43, iżda din niżlet għal 1.08 fl-2022 (Tabella nru 11). It-tnaqqis fir-rata totali tal-fertilità ġej mil-fatt li għalkemm in-numru totali ta' trabi li jitwieldu ħajjin minn residenti baqa' stabbli matul dan il-perjodu, in-numru ta' nisa li għandhom l-età li jista' jkollhom it-tfal żdied.

Matul dan il-perjodu, l-istennija tal-għomor tjiebet ġeneralment. L-istennija tal-għomor totali mat-twelid żdiedet minn 80.9 sena fl-2012 għal 82.3 sena fl-2022, filwaqt li l-istennija tal-għomor totali ta' 65 sena żdiedet minn 19.4-il sena fl-2012 għal 20.5 sena fl-2022. In-nisa għad għandhom stennija tal-għomor aħjar mat-twelid u mal-65 sena meta mqabblin mal-irġiel, għalkemm id-distakk naqas xi ftit meta tqabbel l-2012 mal-2022 (Tabella nru 12).